RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 433I tat-22 ta' Diċembru 2020)

1. Fil-paġna 4, fit-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-premessa (19):

minflok:

"Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssegwi din l-informazzjoni biex tivverifika jekk ir-regoli applikabbli ġewx rispettati, b'mod partikolari l-Artikolu 63, il-punt (b) tal-Artikolu 68(1) u l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xxx li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi ([1])

_____

([1]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċċjali.",

aqra:

"Jenħtieġ li l-Kummissjoni ssegwi din l-informazzjoni biex tivverifika jekk ir-regoli applikabbli ġewx rispettati, b'mod partikolari l-Artikolu 69, il-punt (b) tal-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

_____

([1]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).".

2. Fil-paġna 8, fl-Artikolu 5(5):

minflok:

"5. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri jew mill-benefiċjarji finali f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha kollu biex tiżgura li kwalunkwe ammont dovut mill-entitajiet tal-gvern jew mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu effettivament jitħallas lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali, f'konformità b'mod partikolari mal-Artikolu 63, il-punt (b) tal-Artikolu 68(1) u l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' xxx li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi.",

aqra:

"5. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-riċevituri jew mill-benefiċjarji finali f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha kollu biex tiżgura li kwalunkwe ammont dovut mill-entitajiet tal-gvern jew mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu effettivament jitħallas lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali, f'konformità b'mod partikolari mal-Artikolu 69, il-punt (b) tal-Artikolu 74(1) u l-Artikolu 104 tar-Regolament (UE) 2021/1060.".